



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Jannar 2021
(OR. en)

5033/21

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0348 (NLE)

VISA 1
COAFR 4
MIGR 1

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde li jemenda l-Ftehim dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika tal-Kap Verde u tal-Unjoni Ewropea

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta'...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni,
tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde
li jemenda l-Ftehim dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini
tar-Repubblika tal-Kap Verde u tal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt
(a) tal-Artikolu 77(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-konklużjonijiet tal-20 ta' Novembru 2007, il-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, laqgħu l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-futur tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde. B'mod partikolari, il-Kunsill laqgħa l-appfondiment tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u Cabo Verde permezz tal-implimentazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni għall-iżvilupp ta' "sħubija speċjali" bejn iż-żewġ partijiet. Barra minn hekk, dik il-Komunikazzjoni tipprovdi li l-għan ta' dik is-"sħubija speċjali" huwa li jiġi żviluppat djalogu miftuħ, kostruttiv u pragmatiku u li tkun prijorità strateġika kondiviża li tiġi ttrattata l-immigrazzjoni illegali.
- (2) Fl-1 ta' Diċembru 2014, daħal fis-seħħ il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika tal-Kap Verde u tal-Unjoni Ewropea¹ ("il-Ftehim tal-2014").

¹ ĠU L 282, 24.10.2013, p. 3.

- (3) Mill-1 ta' Diċembru 2014, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u dik ta' Cabo Verde evolviet, bir-reviżjoni tal-Kodiċi dwar il-Viżi permezz tar-Rgolament (UE) 2019/1155 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u d-deċiżjoni ta' Cabo Verde li teżenta liċ-ċittadini tal-Unjoni minn rekwiżit ta' viża għal żjarat sa 30 jum. Fid-dawl ta' dawk il-bidliet u fid-dawl tal-valutazzjoni mwettqa mill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 10 tal-Ftehim tal-2014 u inkarigat bil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim tal-2014, xi wħud mid-dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw il-ħruġ ta' viżi liċ-ċittadini ta' Cabo Verde u, fuq il-bażi ta' reċiproċità, tal-Unjoni, għal żjara intenzjonata ta' mhux aktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum, jenħtieġ li jiġi aġġustat u kkumplimentat bi Ftehim emendatorju.
- (4) Fid-29 ta' Ottubru 2019, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' Cabo Verde għal Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika tal-Kap Verde u tal-Unjoni Ewropea ('il-Ftehim emendatorju'). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess fit-30 ta' Jannar 2020 u l-Ftehim emendatorju ġie inizjalat permezz ta' skambju ta' emails fl-24 ta' Lulju 2020.

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1155 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 810/2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 25).

- (5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE¹. Għalhekk l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (6) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (7) Il-Ftehim emendatorju jenħtieġ li jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, u d-Dikjarazzjonijiet Konġunti meħmuża miegħu jenħtieġ li jiġu approvati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

Artikolu 1

L-iffirmar fisem l-Unjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cabo Verde li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Kap Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Kap Verde u tal-Unjoni Ewropea huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim emendatorju msemmi¹⁺ ++.

Artikolu 2

Id-Dikjarazzjonijiet Konġunti annessi mal-Ftehim emendatorju huma b'dan approvati f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa sabiex jiffirmaw il-Ftehim emendatorju f'isem l-Unjoni.

¹ It-test tal-Ftehim emendatorju huwa ppubblikat fil-ĠU L

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fin-nota ta' qiegħ il-paġna r-referenzi tal-ĠU tal-Ftehim emendatorju li jinsab fid-dokument ST 5035/21.

⁺⁺ Delegazzjonijiet: araw id-dokument ST 5035/21.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
